**1 MINUTI**

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 29

IL-ĠIMGĦA 18 TA' DIĊEMBRU 2014 FIT-3.00 TA' FILGĦAXIJA

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| MAX ŻAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| MATTHEW DIMECH | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

**SKUZAT**

| | |
|---|---|
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALB

## 1 Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tas-seduta no. 28 ġew moqrija. Kien hemm is-segwenti korrezzjonijiet:

Dwar punt 7, T Castelletti qal illi l-kelma 'għalja' għanda tiġi 'għola'. Dwar dan il-punt ukoll, is-Sindku qal li għanda tinqata l-parti 'f'Ta' Xbiex l-Antika'.

Dwar punt 3, is-Sindku u T Castelletti tkellmu dwar is-segwenti korrezjoni sabiex il-minuta tiġi taqra hekk: 'Is-Sindku qal li jinsab deluż li l-Kunsill ma fetaħx- SMS Insurance qed joffru Eur800 bħala *ex-grazzja payment*.'

Il-minuti ġew approvati uninament u iffirmati mis-Sindku Max Żammit u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku

**2.1** - Is-Sindku, f'isem il-Kunsill, ta' il-kondoljanzi lill-kunsillier Frank Roe għat-telfa ta' ommu.

**2.2** - Is-Sindku qal li peress li Triq ix-Xatt hija preżentament magħluqa minħabba il-proġett tal-għargħar, hu qal li hemm possibilta biex isir gwadan finanzjarju għall-Kunsill. Hu qal li hemm ħafna sidien ta' dgħajjes li jixtiequ jtellaw id-dgħajsa fit-triq li preżentament hi mgħaluqa u dawn iħallsu lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li nsaqqsu lil Transport Malta meta din it-triq ser tinfetaħ.

**2.3** - Is-Sindku qal li l-*British High Commission* qed jitolbu tmien *reserved parking spaces* għal waqt ic-CHOGM għal *diplomatic plates* biss bejn Frar u Novembru 2015. Is-Sindku issuġġerixxa li din ma hemmx bżonna, u jistgħu joqodu fil-kaxxa safra kbira li diġa għandhom. Meta hu ressaq din il-proposta lill-*British High* Commission, huma ma qablux minħabba raġunijiet ta' sigurta.

Is-Sindku qal li il-Kunsill għandu jressaq proposta ta' kompromess, u hawn propona li jieħdu ħames *reserved parking spaces* bejn Gunju u Novembru 2015 biss.

T Casteletti qal li jinsab sorpriż li l-High Commisioner ma jiġix ikellem lis-Sindku fuq affair bħal din, u minflok jibgħat l-uffiċjali tiegħu. Hu qal li tmien *parking spaces* waqt ic-CHOGM u ftit qabel jaċċetthom, imma għaxar xhur żgur le. Hu issuġġerixxa jingħataw ġimgħa qabel u ġimgħa wara c-CHOGM tmien parking spaces.

Il-Kunsill qabel li niktbu lill-*British High Commission* li wara li l-Kunsill iddiskuta l-proposta wasal fil-konklużjoni li huwa fl-interess ġenerali tal-lokalita illi tali reserved spaces jingħataw għal xahar waqt ic-CHOGM biss. Din l-ittra għanda tiġi ikkupjata lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin

**2.4** - Is-Sindku preżenta ittra legali ta' Fredu Portelli. Il-Kunsill qabel li ngħadduha lill-avukat tal-Kunsill għal spjega.

**2.5 -** Is-Segretarju qara ittra ta' talba għal *Reserved Parking* għal-clinic. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Kunsill qabel li jinforma lill-Transport Malta f'dan ir-rigward.

## 3 Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet/Approvazzjoni tal-QFR

**3.1** - Is-Sindku qal biex f'numru 27 tal-lista niktbu ARMS Ltd.

**3.2** - Dwar numru 24, T Castelletti saqsa x'makkinarju hu? Is-Sindku Max qal li l-Kunsill xtara jigger.

**3.3** - Il-lista tal-pagamenti tal-kontijiet ġiet approvata u iffirmata.

A Micallef preżentat kontijiet separati tal-Perit Christian Spiteri għat-total ta' Eur3511.72. professional fees. Il-Kunsill qabel li għandhom jitħallsu ġa la darba għamel xogħlu, iżda qabel għandu jerġa jivverifika li x-xogħol sar tajjeb wara ilmenti li ircivejna.

A Micallef preżentat korrispondenza fejn l-avukat tal-Kunsill żied il-*professional fees* b'Eur50. Il-Kunsill innotta li din ha tkun solvuta meta joħrog it-tender ġdid f'Jannar 2015.

## 4 Tenders

**4.1** - Dwar it-tender tal-embellishment, is-Segretarju spjega l-iskont li ingħata mill-unika bidder, u dan wara laqgħa li saret mal-Perit tal-Kunsill. Il-prezz finali skond l-istima finali tal-perit huwa ta' Eur116,402.

Il-Kunsill approva din l-istima.

**4.2**- Il-Kunsill approva ukoll t-tender tal-AID Ltd. għal *streaming* tal- laqgħat tal-Kunsill.

## 5 Kalendarju 2015

Is-Sindku qal li jixtieq li min issa ikun hemm idea, xahar b'xahar, ta' x'attivitajiet ser ikunu organiżżati mill-Kunsill fis-sena 2015. Il-Kunsill qabel li dawn is-segwenti attivitajiet għandhom jiġu organiżżati:

Frar – Attivita tal-Karnival
Gunju – Jum Ta' Xbiex
Lulju – *Connecting Through Culture*
Awissu – Ftuħ tal-Monument
Ottubru – Ta' Xbiex *Fun Run*
Diċembru – Festin tal-Anzjani

Apparti dawn, jistgħu jiġu organiżżati ukoll ġita fi Sqallija; ġita f'Għawdex; ġita Kulturali bil-*Coffee Break*; Ħarġa l-Mellieħa; *Heritage Trail*; Malta 5D.

## 6 Ġieħ Ta' Xbiex

Is-Sindku semma l-mod kif jingħata tali Ġieħ fil-lokalita tal-Qrendi. Ġew preżentati r-regolamenti ta' kif jingħata tali Ġieħ fil-Qrendi.

T Castelletti issuġġerixxa l-idea ta' Assoċjazzjoni bejn min ingħata Ġieħ Ta' Xbiex.

Ġew diskussi u emendati il-kriterji ta' Ġieħ il-Qrendi biex ikunu adottati għal Ġieħ Ta' Xbiex.

Il-Kunsill qabel li tinżamm lista ta' min ingħata dan il-Ġieħ.

## 7 L-Istrina 2014

Is-Sindku qal li x-xogħol ġa mexa ħafna u hemm Kunsilliera ġa ġabru l-flus. Hu qal li issa ħa jkun bil-*leave* u ħa jibda jiġbor. Il-kunsilliera ftehmu fejn għandhom jitqassmu aktar envelopes biex jinġabru il-fondi għall-*Malta Community Chest Fund*.

Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 23 ta' Diċembru niġbru l-envelopes u ngħoddu is-somma.

## 8 Attivitajiet

Is-Sindku qal li ser issir *dinner dance* fil-Plaza Hotel. Il-prezz huwa ta' Eur18.

Il-prezz għar residenti ser ikun Eur20 sabiex jinkludi spejjes għat-trasport. Il-Kunsill qabel.

## 9 Rapporti mill-Kunsilliera

**T Castelletti**

- Fi Triq Testaferrata hemm żewġ ħofor fit-tarmac
- Fi Triq Testaferrata, viċin dak il-bini il-ġdid, infaqa spakxin tad-drenaġġ
- Dwar il-Memo tal-*Open Areas*, hu qal li irid iż-żmien biex jgħamila.
- Ix-Xatt, fuq il-marina, xi ħadd għamel sinjali ħomor fil-*parking bays* li jiġu mal-funtana. Is-Sindku qal li jista jkun saru biex jiġu l-ħaddiema tal-gvern jsewwu.
- Id-dwal li hemm bejn il-klabb tal-*waterpolo* u l-ġnien qed ikunu mixgħula matul il-ġurnata.
- Bye Law fuq ir-riklami: Hu qal li hawn min qed iwaħħal ħafna riklami bla permess u bla ħlas.
- Qal li hawn ammont ta' *hawkers* li qed joħdulna *parking bays* u dan hu illegali.

**F Roe**

- Qal li saret trinka fejn id-Datax u għadu ma sarx it-tarmac fuqha. Is-Sindku qal ħa jtuha t-tarmac għada.
- Fejn il-*Mamma Mia*, kif titla għal Marina, hemm rampa u *yellow lines* biex ma tipparkjax. Qed jipparkjaw fuqu. Il-Kunsill qabel li ngħamlu bollard.
- Fejn il-flat tiegħu hemm xi qsari u dawn qed jitkissru.
- Saqsa jekk sibniex lil xi hadd dispost ikun jew tkun Ambaxxatur Lokali taż-Żagħżagħ. Il-Kunsill wieġeb fin-negattiv.
- Saqsa jekk is-siġar tal-palm hux qed jiġu *sprayed*? Il-Kunsill qabel li jinforma lill-ELC fejn dawn qegħdin. F Roe qal li ha jieħu ħsieba hu.

**R Portelli**

- Qal li l-festin tax-xjuħ ħareġ tajjeb ħafna. In-nies vera kienu kuntenti.

**10 Aġġornament**

Il-Laqgħa spiċċat fit-6.40 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar L-Erbgħa 14 ta' Jannar 2015.

Max Żammit
Sindku

Matthew Dimech
Aġent Segretarju Eżekuttiv